MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 362/1998/1

**R. von Brockdorff Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta’ assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc cessjonarja tad-drittijiet tas-socjeta’ estera Commercial Union Assurance Company plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Dunstan Hamilton u b’nota tat-22 ta’ Marzu 1999 is-socjeta’ Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta’ estera Guardian Royal Exchange Assurance plc cessjonarja tad-drittijiet tas-socjeta’ estera Commercial Union Assurance Company plc surrogata fid-drittijiet tas-assikurat taghha Dunstan Hamilton u l-istess Dunstan Hamilton**

**Vs**

**Joseph Brincat u Emanuel Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu - jew minn minnhom – lill-atturi s-somma komplessiva ta’ mija hamsa u sebghin lira hamsa u sebghin centezmu (Lm175.75c) (in kwantu ghal mija u hamsin lira hamsa u sebghin centezmu (Lm150.75) lil R. von Brockdorff Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm25) lil Dunstan Hamilton) in linea ta’ danni subiti mill-atturi in segwitu ghal incident awtomobilisitku li gara Marsa fil-31 ta’ Lulju 1997 meta konsegwenza ta’ habta bejn il-vettura Nru AAU 026 misjuqa mill-konvenut, Joseph Brincat u l-vettura Nru CAG 028 misjuqa mill-konvenut Emanuel Camilleri saret hsara fil-vettura Nru HAF 625 propjeta’ tal-attur Dunstan Hamilton u misjuqa minnu, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuti kienu responsabbli – jew min minnhom – ghal dan l-incident minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta’ Jannar 1998 u dawk tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz ghan-notifika tal-kumpanija ta’ assikurazzjoni tal-konvenuti bl-odjerni procedura, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tad-19 ta’ Jannar 1998 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Brincat (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz prezenti ghandhom jigu respinti fil-konfront ta’ l-eccipjenti, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-eccipjenti, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut l-iehor Emanuel Camilleri, kif jista’ jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tal-konvenut Emanuel Camilleri (fol 14 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici, in kwantu diretti lejn l-eccipjenti huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ghall-incident ‘de quo’ kien unikament responsabbli l-konvenut l-iehor Joseph Brincat stante imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas t’osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Salv eccezzjonijet ulterjuri.

Rat in-nota prezentata fit-22 ta’ Marzu 1999 (fol 19 ibid) u li biha is-soceta’ Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta’ estera Guardian Royal Exchange Assurance plc cessjonarja tad-drittijiet tas-socjeta’ estera Commercial Union Assurance Company plc surrogata fid-drittijiet tas-assikurat taghha Dunstan Hamilton assumiet fil-vesti tal-attur fil-kwalita’ taghha premessa l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi minflok is-socjeta’ R. von Brockdorff Insurance Agency Limited.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif risultanti minn noti tal-eccezzjonijiet rispettivi taghhom, il-konvenuti qedin reciprokament, jitfghu l-htija ta’ dan l-incident fuq xulxin.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher mill-<u>iskizz u rapport</u> esebiti minn <u>PS 1007 Michael Mulvaney</u> (fol 24 et seq ibid) l-incident in esami sehh fi Triq Aldo Moro fil-Marsa u fih kien hemm tlett vetturi involuti u li kienu qed jinsaqu fid-driezzjoni tac-Cimiterju tal-Addolorata. Kif risultanti mill-imsemmi skizz fuq quddiem tinsab dik bin-numru HAF 625 misjuqa minn Dunstan Hamilton, l-istess attur, waqt li, fin-nofs, hemm dik bin-numru CAG 028 misjuqa minn Emanuel Camilleri u, fuq wara nett, hemm dik bin-numru AAU 026 misjuqa minn Joseph Brincat, kif jidher mill-sitess dokument, it-

tlett vetturi jinsabu kollha kemm huma fuq karreggata (“lane”) wahda ossija fuq it-tielet wahda mix-xellug u t-tieni wahda mill-lemin. Fl-ahhar nett jkun opportun li ssir referenza ghal dak li stqarrew iz-zewg konvenuti lill-istess pulizija wara l-incident u kif verbalizzat a fol 26 (a tergo) fir-rapport gja msemmi. Difatti Emanuel Camilleri kien stqarr li kien waqaf wara l-vettura tal-attur. Pero dik misjuqa mill-konvenut l-iehor Emanuel Camilleri habtet ma dik misjuqa minnu minn wara u bhala konsegwenza din giet imbuttata fuq dik quddiem, misjuqa mill-attur. Joseph Brincat, da parti tieghu kien ra l-vettura ta’ quddiem u misjuqa mill-konvenut l-iehor, tahbat ma’ dik misjuqa mill-attur u avolja ghamel tentattiv sabiex jieqaf, dan kien ghal xejn u hu stess habat mal-vettura misjuqa minn Emanuel Camilleri meta din kienet, di gja, mahbuta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> spjega (fol 43 tal-atti) li meta kien qed jsuq fit-triq in kwistjoni, “… it-traffiku kien ghaddej bil-mod ‘ossija … timxi ftit u tieqaf” minghajr velocita’ qawwija. Hawnhekk ‘… hassejt daqqa fuq il-karozza tieghi u dan minn wara” u wara li hareg, hu ra li, warajh kien hemm zewg vetturi mahbutin. L-istess attur, dwar dan, ma setax jghid “jekk…. kienx hemm daqqa wahda jew tnejn”.

<u>Ikkunsidart</u>

Illi meta xehdu, l-konvenuti ddikjaraw kif ser jinghad:-

a) <u>Joseph Brincat</u> (fol 47 sa fol 50 ibid) li kif di gja inghad kien qed jsuq l-ahhar vettura fuq wara, semma’ li quddiemu kien hemm il-vettura misjuqa mill-attur u mhux dik misjuqa mill-konvenut l-iehor. Difatt, meta xehed, hu sostna li meta l-attur qala’ “u jiena kont ser jaqla’ warajh”, hu kien ra “… xi haga gejja minn fuq il-genb tieghu tal-lemin” u “… dahal minn fuq il-‘lane’ ta’ mas-centre strip ghal bejnu u … Dunstan Hamilton’, il-konvenut l-iehor Emanuel Camilleri li kien qed jsuq il-karozza CAG 028 tal-marka “Rover”. Bhala konsegwenza l-istess Emanuel Camilleri habat mal-vettura misjuqa mill-attur u avolja Joseph Brincat ghamel tentattiv sabiex jieqaf, “…. Il-

karozza ta’ quddiemi (li kienet gholiet xi ftit mal-habta) nizlet, giet lura u laqtet lili”. Fl-istess xhieda dan il-konvenut semma li kien irrakonta dan kollu lill-Pulizija li kien fuq il-post.

b) Emanuel Camilleri, meta xehed (fol 65 et seq ibid) effettivament cahad dak li xehed fil-konfront tieghu, l-konvenut l-iehor u fis-sustanza, rrepeta dak li kien stqarr lill-Pulizija fuq il-post tal-incident fis-sens li waqt li kien wieqaf wara l-karozza misjuqa mill-attur, “…. Inhoss daqqa minn fuq wara tieghi b’liema daqqa dina tefatni fuq il-karozza ta’ quddiemi”. In kontro esami, hu cahad specifikatament li f’xi hin kien ‘… fuq il-lane mas-centre strip” u li kien saq billi dahal fl-ispazju bejn il-vetturi misjuqin rispettivament mill-attur u l-konvenut l-iehor.

Ikkunsidrat

Illi, minn analisi ta-provi kif esposti, waqt li jidher evidenti li l-konvenut Emanuel Camilleri kien konsistenti mill-bidu nett, fil-versjoni tal-fatti moghtija minnu, dan ma jistax jinghad fil-konfront tal-konvenut Joseph Brincat. Dan il-fatt jidher b’mod car, jekk issir komparazzjoni bejn dak li stqarr “a caldo” fuq il-post tali incident kif hemm fuq sintetizzat u kif risultanti mir-rapport esebit minn PS 1007 Michael Mulvaney u dak li xehed quddiem din il-Qorti, meta allega, ghall-ewwel darba li l-konvenut Emanuel Camilleri ghamel u esegwixxa dik il-manuvra kif hawn fuq deskritta. Dan jitfa’ dell ikrah fuq il-kredibilita’ tal-istess xhieda sottomessa minn Joseph Brincat u bhala konsegwenza l-Qorti tara li dak li xehed Emanuel Camilleri jirrifletti dak li, verament gara’ f’din il-habta. Illi, ghalhekk il-konvenut Joseph Brincat ghandu jigi ritenut negligenti fis-sewqan billi kien qed jsuq minghajr id-debita attenzjoni u ma zammx distanza sufficjenti bejn il-vettura misjuqa minnu u dik tal-konvenut l-iehor u b’hekk unikament responsabbli ghall-istess incident.

Ikkunsidrat

Illi dwar id-danni pretizi skond l-avviz in esami (ara fol 28 sa fol 35 ibid) ma jidhirx li l-ammont risultanti gie b’xi mod, kontestat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Joseph Brincat, tilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront tal-istess Joseph Brincat, wahdu u:

1. tiddikjara lill-istess konvenut, Joseph Brincat, bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident stradali minhabba imprudenza, imperizja, negligenza, u inosservanza tar-regolamenti da parti ta’ dan il-konvenut.

2. tillikwida l-ammont globali ta’ danni fis-somma ta’ Lm175.75,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut, Joseph Brincat, sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta‘ Lm150.75,0 u lill-attur Dunstan Hamilton is-somma ta’ Lm25 bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tad-19 ta’ Jannar 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta’ Jannar 1998 u tal-24 ta’ Frar 1998.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------